**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 8/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Michele Artale**

**Illum, 11 ta' Lulju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **MICHELE ARTALE** iben Giuseppe u Giorgia xebba Campo, imwieled Ragusa, l-Italja fid-29 ta' Settembru 1970, residenti 55, Casa Vella, Triq Bubaqra, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru **AT3370913,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-Ewwel (1) Kap**

***Assocjazzjoni ghat-traffikar tad-droga Cannabis***

Illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel **Michele Artale,** minn issa l-quddiem jissejjaħ ukoll l-akkużat**,** xjentement

iddeċieda illi jassoċja ruħu ma persuni oħra bil-għan illi tiġi mportata d-droga, u ċioe l-ħaxixa tal-cannabis f'Malta, għal fini ta' traffikar.

Illi bħala parti minn investigazzjoni li kienet għaddejja mill-Iskwadra tal-Pulizija ta' kontra d-drogi fis-sena elfejn u tmintax (2018), il-Pulizija kienet qed tissorvelja l-movimenti ta' **Michele Artale**, minn issa l-quddiem jissejjaħ l-akkużat. Illi jirriżulta li propju fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tal-imsemmija sena, l-akkużat wasal Malta bil-katamaran, fejn mal-wasla tiegħu jirriżulta li saq direttament għal Ħamrun u wafaq fi blokka bl-isem ta' Sunshine Flats, sitwata fi Triq Nuzzo. Illi l-għada it-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu, il-Pulizija baqgħet tissorvelja lill-akkużat senjatament fuq il-fond bl-isem ta' Jane Ray li jinsab fit-Triq Il-Klin ġewwa l-Iklin fejn għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00) apparti l-akkużat, li dak il-ħin kien ġewwa l-imsemmi fond, ġiet innotat raġel jieqaf b'vettura tal-għamla FIAT targata MIR-600. Illi din il-persuna dehret ħierġa mill-imsemmija vettura u tidħol fl-istess fond li kien hemm fih l-akkużat. Illi mill-investigazzjoni rriżulta li dina l-persuna kienet ċertu Austin Mallia

Illi madwar nofs siegħa wara l-imsemmi Austin Mallia ħareġ mill-fond u saq sar-residenza tiegħu li tinsab fi Triq Braille ġewwa Santa Venera. Illi hawnhekk Austin Mallia biddel il-vettura u telaq lura b'vann tal-għamla Isuzu targat KBJ 343, liema vann jirriżulta li kien ta' missieru. Illi taħt sorveljanza kontinwa, Austin Mallia saq lura għall-istess fond tal-Iklin. Illi malli wasal quddiem l-imsemmi fond għamel ftit tal-ħin jistenna fejn ftit tal-ħin wara tfaċċa l-akkużat jipparkja l-vettura tiegħu tal-għamla Toyota Vitz targata BCI 015. Illi għat-tieni darba konsekuttiva Austin Mallia deher dieħel ġewwa l-fond flimkien mal-akkużat b'dana li ftit minuti wara t-tnejn li huma dehru ħerġin lura jġorru chest freezer bajda u jgħabbuha fuq il-vann li kien bih Austin Mallia.

Illi Austin Mallia saq direttament fid-direzzjoni ta' Ħal Lija fejn deher jieqaf fil-parkeġġ fejn il-ġnien fejn hemm il-klabb tal-boċċi. Illi wara ftit tal-ħin Austin Mallia

telaq minn fuq il-post u saq direttament lejn Ta' Qali u daħal fit-trejqa li tiġi mal-ġenb tal-ambaxxata Amerikana.

Illi għalkemm fil-mument li l-vann Isuzu daħal mit-trejqa l-pulizija tilfet il-kuntatt b'dana li l-uffiċċjali li kienu qed josservaw il-movimenti tiegħu ma kienux jafu x'ġara kemm dam fil-bitħa, mill-filmati estrapolati mill-espert tal-Qorti minn diversi kameras, Austin Mallia jidher jipparkja l-vann fil-parkeġġ tal-Fahrenheit u ftit tal-ħin wara tasal vettura tal-marka KIA Picanto targata EBK 937 tipparkja ħdejn il-vann Isuzu. Illi l-persuna li kien qed jagħmel użu mill-imsemmija vettura rriżulta li kien ċertu Sandro Lo Presti. Illi mill-filmati jirriżulta li l-apparat kollu li kellu jinġabar kien ippakkjat flimkien fuq *pallet* u jidher qed jitgħabba fuq il-vann Isuzu mill-impjegat tal-Fehrenheit permezz ta' forklifter. Illi fil-filmati kemm Austin Mallia kif ukoll Sandro Lo Presti jidhru fuq iċ-ċellulari rispettivi tagħhom jitkellmu ma terza persuna b'dana li ħin minnhom Austin jidher jagħmel sinjal lil Sandro li min kien qed jikkomunika miegħu xtaq li jitkellem ma Sandro tant li Austin jidher igħaddi ċ-ċellulari tiegħu lil Sandro.

Illi għal xi raġuni, wara li kien hemm skambju ta' kliem bejniethom Austin u Sandro jidhru qed iħottu żewġ kaxxi mill-vann għall-ġewwa l-KIA Piccanto. Illi fuq il-vann Isuzu kien għad hemm iċ-chest freezer li tgħabbiet mill-Iklin u l-kaxxa oħra li tħalliet fuq il-*pallet.* Illi wara skambju ieħor ta' kliem bejniethom it-tnejn li huma jidhru jirkbu l-vetturi rispettivi tagħhom u jsuqu l-barra mill-bitħa.

Illi, dejjem taħt sorveljanza, meta l-vann li kien bih Austin Mallia tfaċċa ħiereġ il-barra, saq lejn id-direzzjoni tal-Ħamrun u waqaf fl-istess fond fejn il-ġurnata ta' qabel l-akkużat deher dieħel fih mal-wasla tiegħu hawn Malta. Illi meta Austin Mallia u Sandro Lo Presti ħattew il-vann intervjenew il-Pulizija biex jissekwestraw dak kollu ta' rilevanza għall-każ odjern.

Illi peress li Sandro Lo Presti beda jilmenta li ma kienx qed iħossu f'sikktu ġie deċiż li tinġieb ambulanza sabiex tassistih, u ġie deċiż li l-operazzjoni kellha tieqaf

hemmhekk, bl-apparat li kien fil-komun kif ukoll fil-vettura KIA Piccanto li kien biha l-istess Sandro Lo Presti jiġu ssiġġillati fil-preżenza tal-istess Sandro Lo Presti u Austin Mallia. Illi l-oġġetti kollha ssekwestrati  ttieħdu fil-garaxx forensiku tal-Pulizija għal stħarriġ ulterjuri mill-esperti maħtura fl-Inkjesta mmexxija mill-Maġistrat.

Illi mit-tfittxija u l-analiżi li saret fuq l-apparat li kien mgħobbi kemm fuq il-vann Isuzu kif ukoll fil-KIA Picanto ġew elevati diversi pakketti li fihom deher li kien hemm sustanza li x'aktarx kienet ħaxixa tal-kannabis. Illi l-proċess tal-elevar sar fil-preżenza tal-imsemmija Austin Mallia u Sandro Lo Presti, iddokumentat kif ukoll iffotografat mill-uffiċċjali tas-SOCO. Illi jingħad oltre li fl-apparat li ġie mgħobbi mill-fond tal-Iklin ma nstabet l-ebda sustanza.

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq is-sustanza li nstabet fl-imsemmija pakketti li nstabu ġewwa l-apparat ġie kkonfermat li filfatt din kienet ħaxixa tal-kannabis fl-ammont nett ta' madwar tlieta u ħamsin (53) kilogramma bil-purita' ta' ċirka 11%.

Illi d-droga kannabis hija regolata taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

Illi meta l-imsemmi Austin Mallia ġie mitkellem mill-Pulizija, irrilaxxa stqarrija ġuramentata fejn ikkonferma li l-akkużat kien ċempillu biex igħinu jħott xi affarijiet mingħandu kif ukoll sabiex jiltaqa' ma persuna oħra biex jgħabbi aktar affarijiet. Illi Austin Mallia ikkonferma li l-persuna li kellu jiltaqa' magħha ma kienx jafha, tant illi meta kien qed jistennih Ħal Lija u baqa' ma tfaċċax, ċempel lill-akkużat biex jiċċekja x'se jagħmel. Illi kien f'dan il-mument li Austin Mallia sar jaf li din il-persuna kienet ċertu Sandro Lo Presti bl-akkużat igħidlu biex imur jiltaqa' miegħu fil-bitħa tal-Fahrenheit biswit l-ambaxxata Amerikana fejn għaddilu wkoll n-numru ta' Sandro Lo Presti biex ikun jista' jikkommunika miegħu. Illi dwar ħlas Austin Mallia kkonferma li kien għadu ma ftehimx mal-akkużat u fl-ebda mument ma qal li kien se jitħallas minn Sandro Lo Presti.

Illi minn tali informazzjoni joħroġ biċ-ċar il-pjan u l-mezzi miftehma bejn l-akkużat, Sandro Lo Presti u Austin Mallia biex tiġi mportata d-droga kannabis hawn Malta għal fini ta' traffikar. Illi li ma kienx għall-iskwadra tal-pulizija ta' kontra d-droga li ntervjenew fil-ħin opportun, il-pjan miftiehem kien jiġi eżegwit bl-imsemmija droga tiġi ttraffikata f'dawn il-Gżejjer.

Illi b'għemilu l-akkużat **Michele Artale** sar ħati talli assoċja ruħu flimkien u ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex tiġi importata l-ħaxixa kannabis bil-għan li tiġi ttraffikata f'dawn il-Gżejjer, madwar tlieta u ħamsin (53) kilogramma, u dana kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Michele Artale** ħati talli assoċja ruħu flimkien u ma persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex jittraffikaw id-droga kannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Michele Artale** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tiegħu skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2**, **15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 26** u **28** tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Michele Artale**.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**
***Provvista tad-droga Kokajina***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikat fil-Kap preċedenti ta' dan l-att ta' Akkuża mill-investigazzjoni kondotta mill-pulizija marbuta u relatata mal-każ odjern irriżulta li f'dik is-sena kwindi fl-elfejn u tmintax (2018) u fis-sena ta' qabel l-akkużat kien forna lil Austin Mallia d-droga kokajina.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-akkużat **Michele Artale** sar ħati talli, forna d-droga kokajina mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jforni l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu jew jimmanifattura l-imsemmija droga;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Michele Artale** ħati talli forna pprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Michele Artale** u li jiġi kkundannat għal piena priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli **9**, **10(1)**, **13**, **14**, **20**, **22(1)(a)**, **22(2)(a)(i)**, **26** u **28** tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu **101** tal-liġijiet ta' Malta, fir-regoli **4** u **9** tal-liġi sussidjarja **101.02** u fl-artikoli **18**, **23**, **31** u **533** tal-Kapitolu **9** tal-

liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat **Austin Mallia.**

Rat illi l-akkuzat Michele Artale nhar it-12 t' April, 2023 ipprezenta in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u dan fiz-zmien premess mill-ligi u fejn flimkien mal-lista tax-xhieda tieghu eccepixxa is-segwenti:

**A. L-Att tal-Akkuża**

1. In-nullita' tal-Att ta' l-Akkuża fl-intier tieghu billi ma ġiex segwit il- vot tal-artikolu 432(1) jippreżenta l-Att ta' l-Akkuża fi żmien xahar mill-jum li huwa rċievha l-atti kumpilatorji u kwindi l-akkużat ghandu jiġi illiberat hekk kif mahsub fl-artikolu 602 tal-Kap. 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

2. In-nullita tat-tieni (2) Kap tal-Att t' Akkuża billi huwa għal kollox mankanti minn narrazzjoni tal-fatti li ssawwar w tikkostitwixxi d-delitt hemm dedott u dana bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 589(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**B. Inammissibilita' ta' Provi**

3. L-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz mill-atti proċesswali tal- istqarrija rilaxxjata mill-ko-akkużat Austin Mallia mal-Pulizija u l- istess stqarrija hekk kif rispettivament in segwitu ġuramentata quddiem il-Magistrat (illum Imħallef) Dr. Grazio Mercieca mill-istess ko- akkużat Austin Mallia u ta' kull referenza li saret għalihom fl-atti proċesswali billi l-akkużat ma għandux u ma kellu qatt 1- opportunita' li jikkonduċi l-kontro-eżami ta' dan ix-xhud stante 1- pendenza tal-proċeduri penali fil-konfront tieghu qua ko-akkużat fuq l-istess mertu.

4. L-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz mill-atti proċesswali tal- process-verbal mmarkat bhala Dok. AA2' u intitolat 'Dwar sejba ta' ammont ta' droga suspettata cannabis grass u resin ġewwa Triq Nuzzo, il- Hamrun nhar it-22 ta' Marzu 2018 fl-

intier tieghu, inkluż it-testimonjanza f'dawn il-proċeduri tal-esperti hemm debitament mahtura u tar-relazzjonijiet kollha minnhom ppreżentati in kwantu tali process-verbal ġie redatt irregolarment billi l-Magistrat Inkwerenti Dr. Gabriella Vella naqset li taċċedi hi personalment għal fuq il-lok tad-delitt u dana kif rikjest mill-artikolu 547 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ntavolata mill-Avukat Generali nhar id-19 ta' Gunju, 2023 fejn ecepixxa s-segwenti:

Ili l-eccezzjonijiet mertu dina r-risposta huma mqassmin f'zewg partijiet, il-parti **A** intitolata **L-Att ta' Akkuza** u l-parti **B** **intitolata Inammissibilita' ta' Provi**, fejn f'kull parti hemm zewg eccezzjonijiet rispettivament

A1 Illi fl-ewwel eccezzjoni tiegħu l-akkuzat qed jecepixxi n-nullita' tal-Att ta' akkuza fl- intier tieghu billi ma giex segwit il-vot tal-artikolu 432(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ergo li l-att ta akkuża giet intavolata wara xahar mill-jum li huwa rċieva I-atti kumpilatorji u kwindi l-akkużat għandu jigi lliberat hekk kif mahsub fl-artikolu 602 tal-Kap 9.

Illi fir-rigward jingħad li l-esponent irċieva 1-atti nhar 1-Erbgha, il-wiehed u għoxrin (21) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) b'dana li kellu sat-Tnejn, it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar biex jirrinvija l-atti lura, peress li l-wiehed u għoxrin (21) ta' Jannar kien jahbat is-Sibt.

Illi nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar l-esponent talab lill-Qorti biex iggedded il-perjodu ta xahar ghal hmistax-il jum iehor b'dana li jumejn wara, fil-hamsa u għoxrin (25) ta' Jannar, intavola l-Att ta' akkuża fir-registru tal-Qorti Kriminali. Illi l-esponent ikkonferma mar-registru tal-uffiċju tal-Avukat Generali li l-imsemmija proroga filfatt saret fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar. Illi harsa lejn id-diċitura tal-imsemmi artikolu 432(1) insibu li ż-żmien ta xahar għandu jiġi mgedded mill-qorti ghall-hmistax-il jum fuq tal- talba tal-Avukat Generali b'dana li galadarba saret it-talba m'hemm l-ebda lok

ta diskrezzjoni fuq il-Qorti.[1]

Illi kemm il-darba l-imsemmi rikors ta' proroga u l-akkordar tal-Qorti Kriminali ma humiex fl-atti, galadarba, l-istess saru fit-termini u skont il-liġi, u l-proċeduri qedghin fl-istadju tal- eċċezzjonijiet preliminari, l-esponent ihoss li tali dokumenti għandhom jigu annessi fl-atti processwali fuq ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi żball amministrattiv tar-registru tal- Qorti mghandhiex tbaghtih la 1-Prosekuzzjoni u wisq aktar il-Ġustizzja.

Illi minghajr pregudizzju għas-suespost, li *dato ma non concesso* 1-esponent ma jimexxilux jipprova li huwa talab għall-proroga, tali noqqas xorta wahda ma jwassalx għan-nullita' tal. att tal-akkuża skont l-artikolu 597(4) hekk kif qed jeċepixxi l-akkużat, iżda se mai jista iwansal ghal-liberazzjoni tal-akkużat skont l-artikolu 602 hekk kif qed jikkontendi xorta wabda l-akkużat I'din l-eccezzjoni

Mil-esponent itenni li l-akkużat ghandu d-dritt jitlob il-liberazzjoni sakemm jkun ghadu *in limbo* l-Avukat Generali jibqa' ma jippreżentax l-att ta' akkuza fil-Qorti u mhux kif qed jikkontendi l-akkuzat minħabba n-nullita tal-att tal-akkuża, li mhux il-kaz. Illi fi kwalunkwe kat dan, skont il-proviso tal-istess artikolu 602, dan id-dritt jintilef jekk fiż- zmien li ssir it-talba, l-att ta' akkuża jkun gie ppreżentat, hekk kif ormai xorta wahda setih fil-kaz odjern.

A2. Illi fit-tieni eccezzjoni tiegħu, li tista' tittiehed flimkien mat-tielet eċċezzjoni B3., 1-akkużat qed jeċepixxi n-nullita tat-tieni (2) Kap billi huwa mankanti ghal kollox minn narrazzjoni tal-fatti li ssawwar u tikkostitwixxi d-delitt hemm dedott.

Illi fir-rigward jingħad li l-akkuzat jinsab akkużat talli forma d-droga kokajina lil Austin Mallia liema fatt johrog mill-istqarrija tieghu meta ġie mitkellem mill-Pulizija, u sussegwentement igguramentaha quddiem Magistrat fejn fost l-ohrajn ikkonferma li 1- akkuzat kien fornilu u/jew ipprovdielu d-droga kokajina.

[1] Vide **<u>The Republic of Malta vs Daniel Muka,</u>** 6/2022 AB, of the 18th October 2022.

Illi biex tali allegazzjoni tigi ppruvata l-prosekuzzjoni hija kostretta bil-liġi, bl-eċċezzjoni ta čertu čirkostanzi, li l-imsemmi Austin Mallia jitla jixhed fil-mori tal-ġuri bil-ghan li jikkonferma x-xiehda guramentata tiegħu u dana sabiex l-akkuzat innifsu jkollu d-dritt li jagħmillu l-kontro ezami tiegħu, li huwa l-mertu tat-tielet eccezzjoni tal-akkużat, immarkata **B3**.

Illi fit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-akkużat qed jeċepixxi l-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz tal-istqarrija rilaxxjata mill-ko-akkużat Austin Mallia mal-Pulizija hekk kif in segwitu guramentata quddiem il-Magistrat u dana billi l-akkużat ma ghandux u ma kellu qatt 1- opportunita' li jikkonduči l-kontro-eżami ta' dan ix-xhud stante l-pendenza tal-proċeduri penali fil-konfront tal-imsemmi Austin Mallia.

Illi fir-rigward 1-esponent jishaq li stqarrija guramentata f'każijiet relatati ma ksur tal-Ordinanza li tirregola f'dan il-każ il-mediċini perikolużi, il-Kap 101[2] tal-Ligijiet ta' Malta, mehuda skont l-artikolu 30A, fejn insibu li *meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din 1-Ordinanza, il-Kap 101, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tigi kkonfermata bil-gurament quddiem Magistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi Qorti tista' tingieh bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew ziehda thun saret jew ingħatat* skont l-artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ma jirriżultax li Austin Mallia qatt ilmenta li gie kostrett u/jew li tali stqarrija ittichdet b'mod ahbuziv u/jew li gie mcahhad li jikkontestaha b'dana li jrendi l-istqarrija tiegħu mertu din l-eċċezzjoni inammissibbli.

Illi għalhekk, irispettivament se tkun il-pożizzjoni tal-imsemmi Austin Mallin meta jigi mghajjat biex jixhed f'dawn il-proċeduri, l-istqarrija guramentata tiegħu per se qatt ma tista' tiği kkunsidrata bhala <u>prova inammissibbli</u>, anke jekk gratia argomenti |-imsemmi Austin Mallia jkun preklużmilli jixhed li f'dan il-kaz se mai l-akkuzat jista' biss jattakka <u>l-valur probatorju</u> tal-istess prova u mhux 1-ammissibbilita tagħha u

[2] L-istess jghodd ghal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta

dana waqt is-smiegh tal-guri u mhux f'dan l-istadju.

Illi l-esponent jemmen li l-akkuzat ghandu jkollu kull dritt jagħmel il-kontro.ezami tiegħu lill-imsemmi Austin Mallia, ghax fl-ahhur mill-ahhar Austin Mallis fih qed iwahhal fl- istqarrija li rrilaxxata mal-pulizija u sussegwentement igguramentaha quddiem il- Magistrat. Illi l-esponent itenni li l-imsemmi Austin Mallia jinsab indikat fil-lista tax- xhieda tieghu b'dana li qed jipprospetta li l-istess ikun fpożizzjoni li jixhed u jikkonferma dak kollu li stqarr mal-Pulizija. Illi fl-aħħar mill-ahhar se tkun il-Qorti li fl-ındırızz ahhari taghha taghti d-direzzjoni mehtiega lill-gurija fuq kif għandhom jittrattaw u jikkunsidraw din il-prova skont il-każ

**B4**. Illi fir-raba eccezzjoni tiegħu l-akkuzat qed jeċepixxi l-inammissibilita' u 1-konsegwenti sfilz tal-proces verbal, inkluz it-testimonjanza f'dawn il-proceduri tal-esperti hemm debitament mahtura u tar-relazzjonijiet kollha minnhom ppreżentati in kwantu li tali proces verbal gie redatt irregolarment billi 1-Magistrat Inkwerenti naqset li taċċedi personalment fuq il-lok tad-delitt u dana kif rikjest mill-artikolu 547 et seq tal-Kap 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dan ir-rigward jingħad li ma jfissirx li għax l-Magistrat Inkwerenti ma accedietx fuq il-lok tad-delitt allura l-proces verbal u s-segwenti riżultanzi ghandhom jigu kkunsidrati bhala innammissibbli. Illi fir-rigward l-esponent jagħmel referenza ghas-sentenza fl- ismijiet **<u>II-Pulizija vs John Mifsud</u>** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:-

Din il-Qorti tqis li kif tajjeb issottometta l-appellant kellu jkun il-Magistrat Inkwirenti li jagħmel access u mhux jiddelega lill-Ispettur sabiex tkun hi li taghmel access. Nonostante dan in-nuqqas, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li kwalsiasi rizultanzi li setghu inhargu in segwitu ghall-premess ghandhom jigu dikjarati inammissibbli. Fil- ligi ta' Malta ma ghandhiex il-principju tal-*fruit of the forbidden tree*' u ghalhekk anke jekk kellu jkun il-Magistrat li jaccedi fuq il-post u mhux jiddelega dan lill-Ispettur, dan ma jfissirx li r-rizultanzi tal-inkjesta huma inammissibli .

Ghaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi u għal dawk li l-esponent jirriżerva li jressaq fl- istadju tat-trattazzjoni orali, huwa tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrespingi 1-eccezzjonijiet imqajjma mill-akkużat fl-intier tagħhom.

Semghet il-partijiet jitrattaw l-eccezzjonijiet taghhom nhar il-15 t' April, 2024.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi permezz **<u>tal-ewwel eccezzjoni</u>** tieghu l-akkuzat qed jecepixxi n-nullita' tal-Att t' Akkuza fl-intier tieghu billi ma giex segwit l-Artikolu 432(1) tal-Kodici Kriminali u dan stante li l-Avukat Generali naqas li jipprezenta l-Att ta l-Akkuza fi zmien xahar mill-jum li huwa rcieva l-atti kumpilatorji. Ghal dawn ir-ragunijiet l-akkuzat qed isostni li ghandu jigi liberat.

L-Artikolu 432(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:

> *'432. (1) L-Avukat Ġenerali għandu ż-żmien ta' xahar biex jippreżenta l-att ta' akkuża, illi jibda jgħodd minn dak inhar li jingħata aċċess permezz tal-mezzi elettroniċi għall-atti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan. Dan iż-żmien għandu, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, jiġi mġedded mill-qorti għal ħmistax-il jum ieħor, u, egħluq dan iż-żmien, mill-President ta' Malta għal ħmistax-il jum ieħor, u, meta l-fatt ikun tali illi biex tinstab ix-xorta sewwa tar-reat ikun meħtieġ bil-fors li jgħaddi żmien aktar twil, għal dan iż-żmien itwal:*
>
> *Iżda, jekk dan iż-żmien itwal jaqbeż erbgħin jum, l-imputat għandu l-jedd li jiġi meħlus mill-arrest taħt garanzija.'*

Illi eccezzjoni simili hafna ghal dik odjerna tqajjmet fil-proceduri fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Daniel Muka**,[3] fejn din il-Qorti kif diversament ippreseduta dahlet fid-dettal dwar dan is-suggett:

> *8. During the term mentioned by article 432(1) of the Criminal Code, the Attorney General was however not obliged to immediately file the bill of indictment. The Attorney General could - after receiving the records of the inquiry in terms of Article 401(3) of the Criminal Code - re-hear a witness that had already testified or brought further evidence if he considered it necessary to do so. Article 405 of the Criminal Code allowed the Attorney General to make any such request after that the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry committed the accused for trial on indictment.[4] In the ruling given by the Criminal Court in the case* ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs. Joseph Lebrun*** *delivered on the 18th January 2006 it was stated:*
>
> *Issa, jekk wiehed jara l-istruttura u l-kontenut tad-diversi disposizzjonijiet tal-ligi li b'xi mod jaghtu setgha jew setghat lill-Avukat Generali – u specjalment jekk wiehed jara l-Artikoli 402(5),* ***405***,[5] *431(2), 432 u 433 tal-Kodici Kriminali – huwa evidenti li l-Avukat Generali, bhala l-prosekutur quddiem din il-Qorti u ghalhekk bhala l-persuna li fuqu taqa' r-responsabbilta` li jassigura li l-attijiet tal-kumpilazzjoni jkuni istruwiti minn kollox (sa fejn hu desiderabbli u umanament possibbli) qabel ma jiehu d-decizjoni finali biex jigi quddiem din il-Qorti b'att ta' akkuza,* ***ma hux marbut*** *li, meta jkun ipproceda skond l-Artikolu 433(3),* ***huwa bilfors irid jghaddi dritt ghall-att ta' akkuza****.*

[3] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-18 t' Ottubru, 2022.
[4] *before the Criminal Court and before the filing of the bill of indictment by the Attorney General.*

[5] *Emphasis of this Court.*

*L-obbligu ta' l-Avukat Generali li jistruwixxi l-process huwa obbligu li neccessarjament **jipprecedi** l-att ta' akkuza, proprju biex huwa jkollu dejjem l-istampa cara u kompleta qabel ma jiddeciedi li jipprocedi b'wiehed mill-modi msemmija fil-paragrafu precedenti.*

***9. The Attorney General had various legal courses of action open to him once that he received the records of the inquiry from the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry. He could also avail himself of these options even after the expiration of the term of one month: provided however that the Attorney General requested an extension: (a) first to the Criminal Court for an additional fifteen days and then, if need be (b) to the President of Malta for further fifteen days and then for such longer period as may be required.***[6]

***10. To avail himself of the extension of the original time limits, the Attorney General was obliged to lodge the said demand; but once that demand was lodged, then it was bound to be acceded to by operation of Law. The Law granted no discretion to the Criminal Court or to the President of Malta to reject this request. The sine qua non requirement was the timely demand that had to be lodged by the Attorney General for the extension of the time frames imposed by law.***

*11. Once the demand is lodged to the Criminal Court before the lapse of the time frames stipulated by law - and evidence thereof is found in the records of the proceedings - then this Court need dig no further and deeper into the issue as that demand is to be upheld by the Criminal Court. And once the demand was upheld by this Court, the request and the decree upholding the request did not need to be proven as they are*

[6] *Vide the appeal proceedings : **Il-Pulizija vs. Edward Cassar et** decided on the 26th June 1986.*

> *deemed to form part of the records of the proceedings. There was no need for the demand to be made accessible to the Court of Magistrates, provided that both demand and corresponding decree acceding to it resulted from the records of the Criminal Court. This was the line of reasoning adopted in the appeal proceedings* ***Il-Pulizija vs. Victor Magro*** *decided on the 11th of March 1993 where the Court of Criminal Appeal, presided by Mr. Justice C. A. Agius.'*

Permezz ta' din l-eccezzjoni l-akkuzat qieghed isostni illi l-Avukat Generali naqas milli jipprezenta l-Att t' Akkuza fi zmien xahar skond il-ligi. F'dan ir-rigward din Il-Qorti sejra sabiex tkompli ticcita mis-sentenza sucitata:

> *'12. In this case there was no contestation about the fact that the request for the extension ("talba għal proroga", or "proroga", in brief as distinguished from the decree of the Criminal Court acceding to it) was lodged by the Attorney General, and that this was lodged on time. Case Law required the demand for extension to be timely lodged by the Attorney General, there being no explicit necessity for evidence of it to be found in the records of the Court of Magistrates, albeit found in the records of the Criminal Court. Had there been contestation about whether the request for extension was timely lodged, then the matter would have required further analysis by the competent court. This was part of the decisum in the appeal* ***Il-Pulizija vs. Edward Cassar et*** *decided on the 26th June 1986 which held:*
>
> *Illi konsiderazzjoni ohra ta' importanza u rilevanza li l-Ewwel Qorti ghamlet fis-sentenza appellata kienet li la gie allegat mill-Prosekuzzjoni wara l-verbal tad-difiza (fol. 34) u wisq anqas ma saret il-prova li l-estensjoni taz-zmien giet effettivament mitluba u moghtija ai termini tal-artikolu 444(1) tal-Kap. 12 u li ghalhekk dik il-Qorti ma setghetx tassumi dak li fl-atti ma kienx jirrizulta skond il-ligi.*

*Illi effettivament din il-Qorti ma tistax taqbel ma dan ir-ragjonament u dana ghaliex jekk kien hemm talba ghal proroga u digriet relattiv dawn anki jekk inghataw mill-Qorti Kriminali jifformaw parti mill-atti ta' din il-kawza u jehtiegux provi. Jekk kien hemm, kif kien hemm, quddiem l-Ewwel Qorti il-kwistjoni ta' jekk ir-rinviju de quo sarx tempestivament jew le, l-ezistenza o meno tal-proroga kienet fondamentali, specjalment f'dan il-kaz. Infatti filwaqt li l-Ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata li f'kaz ta' proroga ir-rinviju kien tardiv l-istess l-Avukat Generali qed isostni l-oppost u cioe' li rinviju sar in tempo billi t-talba ghal proroga saret fit-12 ta' Lulju, 1985.*

*13. In this particular case, the request was made by the Attorney General, and Defence did not contest that it was lodged on time. In any case, this Court was entitled to resort to judicial notice with inquiry in relation to the demand once that if lodged and found in the records of the Criminal Court, the said Case Law still considered those records as part of the records of the case and hence requiring no further proof.*

*14. To determine this issue in a definitive manner, this Court verified the records of its own Registry and confirmed that this Court had taken cognisance of the demand of the Attorney General for an extension and acceded to it on the same day it was lodged: the 8th April 2021. The undersigned judge happened to be the judge on duty on the day and presided this Court when it acceded to the demand of the Attorney General for an extension of the original time limits. This Court had no doubt that the demand was made timely, but also that it was acceded to.*

*15. But for the sake of completeness, even if one were to concede* ***gratia argomenti*** *that the Attorney General had failed to show that the request was made, or was not made on time or that there was no evidence of this request being acceded to, the consequence of any such*

*shortcoming* ***__would still not lead to the nullity of the bill of indictment or the compilation proceedings as Defence contended__***.[7] *Article 597(4) of the Criminal Code states:*

*The indictment cannot be impugned on the ground of any defect in the record of inquiry, nor can the accused demand that, on the ground of any such defect, the trial on the said indictment be not proceeded with, unless such defect consists in the total absence of the charges being read or of the examination of the accused or* ***of the order committing the accused for trial****, or in the refusal of the court of criminal inquiry, without just cause, to hear the evidence produced by the accused; saving always the right of the accused and the Attorney General to oppose the production, at the trial, of any act tendered in evidence which is not according to law.*

….

*17. The long-standing legal position adopted by the Maltese Courts of Criminal Justice in this regard Article 597(4) of the Criminal Code to be read and construed together with the provisions of Article 432(1) and Article 602 of the Criminal Code. Article 602 reads:*

*Where the indictment is not filed within the prescribed time, the court may, at the request of the accused, and after hearing the Attorney General, order the discharge of the accused, and the provisions of article 434 shall, mutatis mutandis, apply:*

*Provided that this provision shall not apply if at the time the request is made the indictment shall have been filed*

[7] Enfasi ta' din il-Qorti.

*18. This meant that the filing of the bill of indictment* ***after*** *the prescribed time of one month (when not extended) in terms of Article 431(1) and 432(1) of the Criminal Code* ***did not bring about the nullity of the records of the inquiry*** *but it gave the accused an opportunity to make a request for discharge (subject to the provisions of Article 434 of the Code). In a ruling given in* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmelo Muscat*** *on the 7th June 1996 the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction) it was held:*

*L-effetti tan-nuqqas tal-prezentata ta' l-Att ta' l-Akkuza fiz-zmien illi huwa previst u impost mil-ligi, ggib bhala konsegwenza, mhix li l-Avukat Generali jkun prekluz ghal dejjem milli jipprezenta l-Att ta' l-Akkuza, izda li l-Qorti tista' tordna li l-imputat jigi lliberat, jigifieri mehlus mill-istat ta' arrest - fit-test Ingliz "order the discharge of the accused". Jista jizdied ukoll illi dak li riedet tirraggungi l-ligi jemergi evidenti ukoll mill-proviso ta' l-artikolu 602 li jipprovdi li jekk l-Att ta' l-Akkuza ma jkunx gie pprezentata fiz-zmien ilpossibilita' li l-imputat jigi lliberat, cjoe' mehlus mill-arrest, ma tibqax tezisti, jekk sadanittant l-Att ta' l-Akkuza jkun gie pprezentat. Indikazzjoni cara tal-ligi li ma kien qatt intenzjonat u previst illi d-dritt ta' l-Avukat Generali li jipprezenta l-Att ta' l-Akkuza jintilef. F'Kaz li l-Att ta' l-Akkuza ma jigix pprezenta tfit-terminu, il-Qorti mhux obbligata li tirrilaxxja lill-akkuzat mill-arrest, anzi f'certi kazi ma helsitux.*

*19. The same principle was laid out by the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction) in the ruling given on the 2nd March 1998 in the names of* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak u Francis sive Frankie Axiaq*** *wherein it was held:*

***Il-fatt illi l-Avukat Generali ma jkunx ipprezenta l-att ta' l-akkuza fiz-zmien ix-xahar stipulat mil-ligi, u fl-assenza ta' proroga biex jipprezentah ulterjorment, ma jgibx bhala***

***konsegwenza illi jekk dak l-istess att ta' akkuza jigi pprezentat sussegwentement u ghalhekk oltre l-perijodu ta' xahar imsemmi, dak l-istess att ikun null fit-termini tal-ligi.*** *Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' l-Avukat Generali illi jipprezenta l-att ta' l-akkuza fiz-zmien stabbilit mil-ligi jew permess lilu mill-Qorti permezz ta' proroga jistghu ikunu diversi fosthom jistghu anke jwasslu ghal-liberazzjoni milll-arrest ta' l-imputat, pero' mhux ikkontemplat mil-ligi bhala wahda mill-konsegwenzi li l-Avukat Generali huwa prekluz milli jipprezenta l-att ta' l-akkuza xorta wahda avolja jkun skadielu t-terminu f'liema kaz* ***mhux talli l-ligi ma tikkontemplax in-nullita' ta' dak l-istess att ta' akkuza****, anzi fit-termini ta' l-artikolu 602 tal-Kodici Kriminali tipprovdi illi dik l-istess prezentata tardiva tista' tinnewtralizza certi effetti ohra illi jista' talvolta jkun hemm kieku l-att ta' l-akkuza ma jkunx gie prezentat fiz-zmien stabbilit, il-possibilita' li l-imputat jigi liberat cjoe' mehlus mill-arrest, ma tibqax tezisti jekk sadanittant l-att ta' l-akkuza jkun gie pprezentat anke jekk tardivament. Din hija indikazzjoni cara li l-ligi ma kienet qatt intenzjonata li ttellef id-dritt ta' l-Avukat Generali li jipprezenta l-att ta' l-akkuza allavolja jkun skadielu t-terminu anzi mhux hekk biss, billi certi drittijiet ta' l-akkuzat illi jkunu in limbo bhal ma huwa dak li jitlob li jigi lliberat mill-arrest jintilfu appena l-att ta' l-akkuza jigi pprezentat sakemm dik it-talba tkun ghada ma saritx.*

20. In the ruling of the Criminal Court dated 18th January 2006 in **Il-Pulizija vs. Joseph Lebrun**, the Court referred to an older ruling in **Il-Maesta' Tiegħu Ir-Re vs. Manwel Bonello** and said the following:

*Dik l-istess Qorti in segwitu kienet iddeċidiet, fit-13 ta' April 1950 fil-kawża fl-ismijiet Il-Maesta' Tiegħu Ir-Re' v. Manwel Bonello , Kollez. Deċ. XXXIV.iv921, li jekk it-talba għal-liberazzjoni taħt l-Artikolu 602 tkun ġiet miċħuda, l-****att ta' akkuża li jkun ġie sussegwentement preżentata ma jkunx jista' jiġi invalidat***

***<u>minħabba l-istess raġuni , cioe' li ma kienx ippreżentat fit-terminu stabbilt fl-imsemmi Artikolu 602;</u>*** *u għalhekk wara dik id-deċiżjoni ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tan-nullita' ta' l-att ta' akkuża fuq ir-raġuni taż-żmien. Ara wkoll l-Artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali*

Illi f'din is-sentenza sucitata din l-eccezzjoni simili ghal dik odjerna giet michuda u din id-decizjoni giet ukoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell.[8] Illi kif diga gie ritenut, l-akkuzat qieghed jargumenta illi l-Avukat Generali ma pprezentax l-Att t' Akkuza fi zmien xahar skont il-ligi. Madankollu, b'referenza ghal fol 13 tal-atti quddiem din il-Qorti, din il-Qorti kif ippreseduta tinnotta kopja tat-talba tal-Avukat Generali datata nhar it-23 ta' Jannar, 2023 fejn qal li hu kien ircieva l-atti mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-21 ta' Dicembru, 2022 u talab ghal proroga ta' hmistax-il jum skond il-ligi sabiex jipprezenta l-Att t'Akkuza li kien jaghlaq dakinhar stess u cioe' nhar it-23 ta' Jannar, 2023. Din it-talba kienet giet akkordata nhar l-24 ta' Jannar, 2023 u sussegwentament, l-Att t'Akkuza gie prezentat nhar il-25 ta' Jannar, 2023.

Ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda nuqqas da parte l-Avukat Generali stante li l-Att t' Akkuza giet ipprezentata ai termini tal-ligi. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qedgha tigi michuda.

Permezz **<u>tat-tieni eccezzjoni</u>** tieghu, l-akkuzat qed jecepixxi n-nullita' tat-tieni Kap tal-Att t' Akkuza billi huwa ghal kollox mankanti minn narrazzjoni tal-fatti li ssawwar w tikkostitwixxi delitt bi ksur tal-Artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:

*'589. L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –*

[8] Deciza nhar is-26 t' April, 2023.

*(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena'*

Din il-Qorti kif diversament ippreseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Grazio Azzopardi**[9] qalet hekk dwar dan l-artikolu 589 (c) tal-Kodici Kriminali:

*'Dwar din l-eccezzjoni, jibda biex jinghad illi huwa l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi kif ghandu jsir l-att tal-akkuza. Is-subartikolu (c) tieghu irid illi l-att tal-akkuza ghandu "ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar, flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma tal-Avukat Generali, jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena". Din il-parti tal-fatti fl-att tal-akkuza hija komunement msejjha l-parti narrattiva li fiha l-Avukat Generali iressaq gabra fil-qosor tal-fatti li jemergu mill-atti quddiem l-Istruttorja. Minn dan l-aspett ma hemm xejn li mhux skond dan l-artikolu fin-narrattiva rigwardanti l-att ta' akkuza in disamina;'*

Illi mhux l-ewwel darba li -akkuzat ma jaqbilx man-narrativa tal-Avukat Generali fl-Att t' Akkuza. Fuq dan il-punt ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Catania[10]** fejn gie ritenut hekk:

*'…**Anke jekk l-akkużat ma jaqbilx ma din in-narrativa, jibqa' l-fatt li tali narrativa tikkonsisti biss f'espożizzjoni ta' fatti in sostenn għat-teżi kif ipprospettata mill-Avukat Ġenerali u bl-***

[9] Deciza nhar is-16 ta' Frar, 2021.
[10] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar id-19 ta' Mejju, 2022.

***ebda mod ma tikkonsisti fi prova ta' dak li jintqal fiha. Din in-narrativa hija msejsa fuq il-provi kumpilati u li għandhom jerġgħu jinstemgħu quddiem il-ġurati. U dak li jiġi nkluż f'din in-narrativa hija l-prerogattiva tal-Avukat Ġenerali u tagħha biss; u dan indipendentement minn kemm effettivament 'il quddiem fl-istadju opportun ikunx irriżulta sal-grad tal-prova rikjest mil-Liġi.*** *F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet* ***<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis</u>*** *deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2021 fejn intqal is-segwenti:*

*'25. Huwa ben risaput u kemm–il darba riaffermat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-liġi tħalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali biex ifassal l-Att ta' l-Akkuża u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. L-Avukat Ġenerali huwa marbut b`dak li jgħid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk :*

*"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –*

*(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;*

*(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;*

*(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u*

*(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena*

*stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."*

*26. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens mill-Imħallef togat. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b' tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ppreġudikat il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ladarba huwa ser igħaddi proċess ġudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni għandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkużi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuża, bid-dritt ta' l-akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni.*

*27. Issa jekk huwiex minnu illi l-appellant irċeva id-droga minn għand Ciantar fil-vettura tiegħu o meno, huwa fatt li jrid jiġi determinat mill-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux minn din il-Qorti, u jekk allura l-appellant għandux jinsab ħati tar-reat li dwaru jinsab mixli f'dan il-Kap. Il-liġi ma tagħtix setgħa lil din il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-Avukat Ġenerali kellux raġun meta fil-parti narrattiva tasSitt Kap ta' l-Akkuża abbina dawk il-fatti li jemerġu mill-atti kkumpilati, kif minnu interpretati, mar-reat li bih huwa akkuża lill-appellant f'dan il-Kap.*

*…/…..*

*Dan il-kompitu ċertament ma jispettax lil din il-Qorti u lanqas lil Qorti Kriminali qabilha. Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud'*

Fil-kaz odjern l-akkuzat qed jilmenta illi it-tieni Kap tal-Att t'Akkuza huwa ghal kollox mankanti minn narrazzjoni tal-fatti li ssawwar w tikkostitwixxi d-delitt u dan bi ksur tal-Artikolu supra citat 589(c) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti fliet dan il-Kap li jidher illi huwa kemm xejn sajjem mill-partikularitajiet dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt. Madankollu, l-istess Kap *jibda* bis-segwenti kliem: '***Illi fil-kuntest tac-cirkostanzi u zmien kif indikat fil-Kap precedenti...***'. Illi in-narrativa hija prerogattiva tal-Avukat Generali u ghalhekk minkejja li kien ikun ferm ahjar li kieku certu dettalji kienu partikolarment mizjuda taht it-tieni Kap tal-Att t'Akkuza, bil-kelmiet *supra* citati li l-Avukat Generali beda l-istess Kap, jidher illi l-vot tal-ligi huwa sodisfatt. Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat qed tigi respinta.

**<u>Fit-tielet eccezzjoni</u>** tieghu l-akkuzat qieghed jecepixxi l-inammissibilta' u l-konsegwenti sfilz tal-istqarrija guramentata t'Austin Mallia u kull referenza ghaliha li hemm fl-atti u dan stante li l-akkuzat ma kellu qatt cans jaghmillu kontro-ezami stante l-pendenza tal-proceduri penali fil-konfront tieghu fuq l-istess mertu.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex taghmel referenza ghall-ligijiet relevanti ghal kaz odjern fir-rigward ta' dan l-aggravju specifiku. Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *'Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza,* ***kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta'vantaġġi'***

F'dan l-Artikolu ssir referenza ghall-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:

> *'Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra'*

Il-Qorti, taghmel referenza ghas-sentenza **r-Repubblika ta' Malta vs Mohamed Abdulla Gilani Gharsalla**[11] deciza mill-Qorti Kriminali fejn gie ritenut hekk dwar l-Artikoli sucitati:

> *'Illi d-dispozizzjoni tal-artikolu 30A li tinsab f'ligi specjali ghalhekk ovvjament tidderoga ghall-ligi generali bhal ma hu l-Kodici Kriminali (Kap.9) u fil-waqt li normalment japplika l-principju generali enuncjat fl-art. 661 fuq citat , il-legislatur ried li, f'kazijiet ta' prosekuzzjoni kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101.), fejn wiehed jifhem id-diffikoltajiet li jkollha l-Prosekuzzjoni fit-tmexxija ta' kazijiet ta' droga w fejn persuna nvoluta tista' f'certu waqt tkun propensa li taghmel certi dikjarazzjonijiet li jinvolvu terzi w wara tigi assoggettata ghal pressjoni biex tibdel jew tirrinega l-versjoni taghha mit-terzi nvoluti, li tali dikjarazzjoni jew depozizzjoni kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat taht l-istess Ordinanza tkun ammissibbli w tista' tingieb bi prova.*
>
> *L-istess ligi specjali pero' taghmel rekwizit importanti biex dan ikun jista' jsir u cioe' li dan ikun possibbli "kemm il-darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza' jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg."*
>
> *Issa il-kwistjoni kollha fil-fehma ta' din il-Qorti hija mpernjata fuq din il-kelma "jinsab". Hawn mhux kaz ta' xi suspett jew kongettura jew*

[11] Deciza nhar il-25 ta' Novembru, 2002.

*dubju jew indikazzjoni "prima facie" li x-xiehda ma tkunx inghatat volontarjament, imma si tratta ta' decizjoni mehuda minn min irid jiddeciedi dwar il-kwistjonijiet ta' fatt li fil-fatt dik id-dikjarazzjoni jew xiehda ma tkunx inghatat volontarjament. Dan ifisser li mhux bizzejjed li min jaghmel tali dikjarazzjoni jiddikjara f' xi testimonjanza sussegwenti li hu ma kienx ghamilha volontarjament jew li kien mhedded jew imbezza'meta ghamilha , imma jinhtieg li jkun hemm decizjoni dwar dan. Mhux bizzejjed li jkun hemm xi indikazzjoni "prima facie" li ma saritx volontarjament kif qed targumenta d-difiza*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Zammit**[12] gie stabbilit is-segwenti:

*'Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fil-kawzi dwar id-drogi, l-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi: "Minkejja d-- disposizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra." Isegwi imbaghad l-artikolu 30A li jiddisponi illi:*

*"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

*jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."*

***Mela allura l-ligi tad-droga tistabilixxi ir-regola illi x-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minn ghand persuna ohra wahedha hija sufficjenti u m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata minn cirkostanzi ohra ta' fatt. Inoltre jekk persuna tkun offriet stqarrija ikkonfermata bil-gurament quddiem magistrat, din ghalkemm moghtija qabel ma ikun inbeda il-process penali fil-konfront tal-persuna akkuzata (fl-hekk imsejjah pre-trial stage), hija prova valida. Il-gurisprudenza, izda ziedet ma din ir-regola l-htiega illi il-persuna li tkun offriet tali stqarrija guramentata tingieb il-Qorti sabiex tixhed u dan sabiex id-difiza ikollha kontroll fuq dik il-prova mahluqa bil-ligi.'***

Illi kif diga gie ritenut, l-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u ghalhekk m'ghandiex tkun ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra. Infatti**, persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz**.[13] Madankollu, peress illi l-proceduri odjerni jirrigwardjaw allegat ksur tal-Ordinanza, japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Din hija dispozizzjoni partikolari u specifika li tidderoga mir-regola generali kontenuta fl-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali in kwantu tirrendi bhala ammissibbli fil-Ligi stqarrija ta' ko-akkuzat fil-konfront ta' ko-akkużat iehor. Biss din trid tinqara bis-salvagwardji kollha kostituzzjonali u cioe' fl-ewwel lok id-dritt ghas-silenzju tax-xhud li ghadu qed jiffaccja proceduri penali kontra tieghu u wkoll illi dak li jinghad mix-xhud f'tali stqarrija guramentata ghandu

[13] Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja**, deciza nhar il-31 ta' Lulju, 1998.

dejjem ikun assoggettat ghal kontroll tad-difiza u jekk id-difiza ma tkunx ezercitat dan id-dritt taghha allura l-Qorti tkun prekluza milli tistrieh fuq tali prova.[14]

Issa din il-Qorti sejra tghaddi sabiex ticcita l-Artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fit-totalita' tieghu:

> ***646. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce.***
>
> ***(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:***
>
> ***Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8):***
>
> *Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda talminuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce.*
>
> *(3) Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jinġiebu bħala prova, kemm-il darba jsiru minn xi ħadd li jkun qiegħed imut u jkun jaf li hu wasal għall-mewt, minbarra meta d-dikjarant ikun sejjer imut taħt sentenza mogħtija b'liġi.*

[14] Ara **<u>Il-Pulizija vs Publius Micallef et</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Frar, 2018.

*(4) Il-proċessi verbali jistgħu jinġiebu bħala prova bħal ma jingħad fl-artikolu 550.*

*(5) Ix-xiehda ta' kappillan jew ta' saċerdot ieħor li jagħmel floku jew ta' kull xħud ieħor li jkun ġie mismugħ matul ilkompilazzjoni, dwar l-awtentiċità tal-atti jew tar-reġistri parrokkjali magħmulin jew miżmumin minn l-istess kappillan jew saċerdot u li għandhom x'jaqsmu ma' twelid, żwieġ jew mewt, jew dwar l-awtentiċità ta' kopji ta' dawn l-atti jew reġistri, jew ta' estratti minnhom, inkella dwar il-fatt li l-akkużat huwa l-persuna msemmija f'dawk l-atti, reġistri, kopji jew estratti, jistgħu wkoll jinġiebu bħala prova.*

*(6) Ix-xiehda tan-nutari ta' Malta jew ta' xhieda oħra mismugħin matul il-kompilazzjoni dwar l-awtentiċità tal-atti jew tar-reġistri magħmulin jew miżmumin mill-istess nutari, jew dwar l-awtentiċità ta' kopji ta' dawn l-atti jew reġistri jew estratti minnhom, inkella dwar il-fatt li l-akkużat huwa l-persuna msemmija f'dawk l-atti, reġistri, kopji jew estratti, jistgħu wkoll jinġiebu bħala prova.*

*(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ċertifikat li jkun jidher li ġie maħruġ minn tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja jew mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, jista' jinġieb bħala prova u, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, għandu jkun prova tal-kontenut tiegħu, basta li ċ-ċertifikat ikollu ttimbru li jinqara ċar tat-tabib jew kirurgu dentali li joħroġ dak iċċertifikat li jkun juri ismu, il-kwalifiki professjonali tiegħu, lispeċjalizzazzjoni tiegħu u l-indirizz tiegħu u basta dak iċ-ċertifikat ikun konfermat b'affidavit mit-tabib jew mill-kirurgu dentali, skont il-każ: iżda wkoll, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jġibu lillimsemmi tabib jew lill-imsemmi kirurgu dentali, skont*

*il-każ, biex jiġi eżaminat fil-qorti u viva voce, u l-qorti tista' wkoll ex officio tordna dak l-eżami.*

*(8) Ix-xiehda ta' tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat annessa ma' proċess verbal, jew ta' tabib jew kirurgu dentali bħal dak li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja sew jekk mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, tista' tinġieb bħala prova mingħajr ilħtieġa li l-imsemmi tabib jew kirurgu dentali jinġieb fil-qorti kif provdut fil-proviso tas-subartikolu (2): iżda, ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab, ilparti l-waħda u l-oħra jistgħu jitolbu, jew il-qorti tista' ex officio tordna, li dak ix-xhud jerġa' jiġi eżaminat fil-qorti u viva voce.*

*(9) Il-validità tal-atti hawn fuq imsemmija u l-ammissibbiltà tagħhom ma jistgħux jiġu attakkati minħabba li ma jkunx jidher mill-atti nfishom li ġew magħmula jew irċevuti bil-ġurament jew b'xi solennità oħra meħtieġa mil-liġi, jekk it-teħid ta' dan ilġurament jew it-tħaris ta' din is-solennità jiġi ippruvat b'xi mod ieħor.*

*(10) L-Avukat Ġenerali, kif ukoll l-akkużat, jista' jitlob li jiġi deċiż mill-qorti, qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża, jekk ix-xiehda ta' xi xhud għandhiex tiġi ammessa, kif jingħad fis-subartikolu (2).*

*(11) Meta jingħad li xi xhud miet, siefer jew ma jkunx jista' jinstab, il-qorti tista' tqis l-allegazzjoni ppruvata bir-rapport maħluf tal-marixxall jew uffiċjal esekutur ieħor illi bih iwettaq li huwa sar jaf żgur li dak ix-xhud hu mejjet jew imsiefer, jew li huwa għamel it-tfittxija li tinħtieġ u ma rnexxilux isibu.*

Din il-Qorti enfasizzat dawk is-sub-incizi li jidrilha li huma l-iktar rilevanti ghal kaz odjern u sejra issa tghaddi sabiex taghmel referenza ghal gurisprudenza fejn saret referenza ghal dan l-artikolu, kif ukoll dak ta' qablu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Catania**,[15] fejn saret referenza wkoll ghal sentenza **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**,[16] il-Qorti qalet hekk:

> ***'46. Bħala regola min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-Qorti u dan għall-fini ta' kontroll da parte tal-akkużat jew imputat. Hekk biss tkun tista' tiġi meqjusa ammissibbli x-xhieda tagħha li tkun ingħatat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti meta tkun hekk ikkonfermat il-kontenut tal-istqarrija/stqarrijiet li tkun irrilaxxjat mal-Pulizija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2003* ***Il-Pulizija vs. Pierre Gravina*** *fejn intqal is-segwenti:*
>
> ***L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro ezaminah dawrha.*** *S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti*

[15] Deciza nhar id-19 ta' Mejju, 2022.
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 2003.

*mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra lakkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola,* ***min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat****. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* ***Kostovski v. Netherlands*** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu* ***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.***[17] (enfasi ta' din il-Qorti)

Madankollu, fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco** gie ritenut hekk:[18]

*"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali (eċċetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li għalih l-Artikolu 30A jagħmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Maġistrat taħt is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-*

[17] Ara wkoll **il-Pulizija vs Rita Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Settembru, 2017.
[18] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-8 t' April, 2010.

*Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti meħtieġa għall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma ċari fil-portata tagħhom: id-deposizzjoni regolarment mogħtija fl-inkjesta dwar l-in genere … tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce … ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."*

Il-Qorti Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**[19] gew stipulati erba' (4) kriterji importanti w ghamlet referenza wkoll ghas-sentenzi tal-QEDB fl-ismijiet **Luca v. Italy**[20] u **Saidi v. France**[21] fejn gie ritenut is-segwenti:

*'Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz **Luca v Italy** [(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-*

***"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine***

[19] Deciza nhar is-6 ta' Lulju, 2016.
[20] App nru. 33354/96, deciza nhar is-27 ta' Mejju, 2001.
[21] App nru. 14647/89, deciza nhar l-20 ta' Settembru, 1993.

***<u>or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."</u>***

*Dan ifisser allura illi hemm* ***<u>erba kriterji</u>*** *li iridu jigu ikkunsidrati:*

1. ***Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita li jikkontrolla dak li ighid ix-xhud.***

2. ***il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita ta'l-istqarrija minnhom rilaxxjata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal per ezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.***

3. ***L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li ikun irrilaxxjaha.***

4. ***Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u decisiva fil-konfront tal-persuna akkuzata.***

*Illi fil-kawza* ***<u>Saidi v France</u>*** *(1993 - 17 EHRR 251) inghad :- "The court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument.* ***<u>However, the use as evidence of statements obtained at the stage of the police</u>***

***<u>enquiry and judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected..." </u>***(enfasi ta' din il-Qorti)

Ghalhekk, minn dak ritenut *supra*, din il-Qorti tenfasizza illi hija ma tkunx tista' tiddikjara stqarrijiet inammissibli sempliciment ghaliex l-istess persuni li rrilaxxaw l-istqarrijiet ma jkunux xehedu *viva voce*. Madankollu, irid jigi zgurat illi d-dritt tas-smiegh xieraq ma jigix mittifes bl-ebda mod u ghalhekk il-kriterji ndikati fs-sentenza ta' **<u>Muscat</u>**, ghandhom jigu wzati sabiex dan jigi accertat.

F'dan il-punt il-Qorti sejra tghaddi sabiex tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon</u>**[22] fejn il-Qorti ccitat certi principji legali li johrogu mill-gurisprudenza sucitata:

*i)* ***Bħala regola fi proċeduri kriminali mibdija taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi jagħmel konfessjoni bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti;***

*ii)* ***Din id-dikjarazzjoni ġuramentata tista' sservi ta' prova fi proċeduri kriminali in kwantu tali xhieda hija ammissibbli u valida dment li tkun magħmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;***

*iii)* ***L-istess dikjarazzjoni ġuramentata tista' anke tkun ta' preġudizzju għal ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi ieħor peress li l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni biss għar-regola msemmija fl-artikolu 661 talKodiċi Kriminali;***

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Mejju, 2022.

iv) *Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir id-dikjarant ikun għadu meqjus bħala ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu li jkunu għadhom subjudice;*

v) ***<u>Id-dikjarant irid pero imbagħad jixhed fil-proċeduri kriminali li jkunu inbdew kontra l-persuna jew persuni involuti f'xi reat kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;</u>***

vi) ***Dan id-dikjarant jista' jagħżel li ma jixhedx matul il-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja dment li l-proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu jkunu għadhom pendenti kontra tiegħu u dan sabiex ma jinkriminax ruħu;***

vii) ***Iżda meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu ġew konklużi b'mod finali u konklussiv, bħala regola, id-dikjarant ikun irid jinġieb biex jixhed fil-proċeduri kontra l-ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi billi jinstemgħa viva voce fil-proċeduri kriminali;***

viii) ***<u>Dawn il-proċeduri kriminali jistgħu jkunu dawk istruttorji jew dawk ta' ġurisdizzjoni. Fejn ma jkunx possibbli għad-dikjarant li jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex ma jinkriminax ruħu, huwa jkun irid pero jinġieb jixhed quddiem il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-każ;</u>***

ix) *Iżda fejn għal xi raġuni, fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ma jkunx possibbli li d-dikjarant jinġieb biex jixhed viva voce minħabba li jkun evidenti lil Qorti li dik ix-xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud jew jekk ix-xhud ikun mejjet, jew ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab, ix-xiehda kemm favur kif ukoll kontra l-akkużat meħuda fl-istadju istruttorju tista'*

*tinġieb bi prova u dan peress li anke f'dan il-kuntest ġie deċiż li japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali;*

x) ***Fil-frattemp pero, sakemm ikun għadu ma xehedx fil-proċeduri penali kontra t-terzi – kemm fl-istadju istruttorju daqskemm f'dawk ta' ġurisdizzjoni - ma jfissirx li d-dikjarazzjoni bil-ġurament tiegħu mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta tkun inammissibbli bħala prova jew li fuqha ma tistax tistrieħ teżi akkużatorja;***

xi) *fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li l-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżhnu b'kawtela x-xiehda li dak ix-xhud jagħti qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat;*

xii) *jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra d-dikjarant, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.'*

L-Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:

*636. Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba –*

*(b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed*

Ir-regola hija desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara

illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Illi kif gie ritenut fis-sentenza **<u>fl-ismijiet Il-Pulizija vs Omisses, Anthony Galea</u>**:[23]

*"Id-difiza tal-imputat sostniet li l-istqarrija tal-ko-imputat ma hiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża. L-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.*

*Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew l-akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.*

*Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. (enfasi ta' din il-Qorti)*

*Fil-kaz odjern, il-kaz kontra l-ko-akkuzat Gilbert Galea ghadhu mhux deciz. Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.*

*Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom* ***<u>Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri</u>****, Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927;* ***<u>Il-Pulizija vs Toni Pisani</u>*** *Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944;* ***<u>Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella</u>****, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947;* ***<u>The Police vs Alfred W. Luck et</u>****, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949;* ***<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara</u>****,*

[23] Decided by the Court of Magistrates as a Court of Criminal Judicature on the 25th March 2019.

*Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; Il**-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et,** Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u **r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit** et Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia**, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.*

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut**" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia**". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik ilpersuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan ilprincipju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur blistess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs.***

*__Brian Vella__" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah limpunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

*Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 filkawza "__Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia__", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk: "*

*Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separat."*

Dan il-kaz hekk kif citat ezatt *supra*, qed jigi kwotat ghaliex jaghti spjegazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tifhem illi hemm differenza bejn kazijiet fejn ikun hemm ko-akkuzat/komplici f'kazijiet per ezempju ta' traffikar ta' droga u kazijiet ohrajn u dan minhabba l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Madankollu, filwaqt illi l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel deroga espressa ghall-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, ma jaghmel l-ebda deroga għall-Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali. Li kieku l-legislatur ried jidderoga mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, allura dan kien jaghmlu espressament kif għamel fil-kaz tal-Artikolu 661 tal-istess Kodici - *ubi lex voluit dixit*.

Illi tajjeb li jinghad illi l-guri kontra l-akkuzat ghadu ma giex appuntat u l-Avukat Generali fis-sottomisjonijiet tieghu tenna illi qed jiprospetta illi Austin Mallia jkun f'pozizzjoni li jikkonferma x-xhieda guramentata tieghu fil-guri tal-akkuzat. In vista ta' dak kollu sucitat, ikun prematur li din Qorti tiddeciedi dwar l-ammissibilta' *o meno* w l-konsegwenti sfilz tal-istqarrija t'Austin Mallia u kull referenza li ssir ghaliha fl-atti processwali meta l-guri ghadu qas biss gie appuntat. Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tichad it-tielet eccezzjoni mressqa mill-akkuzat.

**Ir-raba' eccezzjoni** tal-akkuzat tikkoncerna l-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz mill-atti proċesswali tal-process-verbal fl-intier tieghu u dan stante li l-Magistrat Inkwerenti naqset li taċċedi hi personalment għal fuq il-lok tad-delitt u dana kif rikjest mill-artikolu 547 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti mhux ser toqghod tidhol fil-kwistjoni jekk il-Magistrat Inkwerenti acceditx fuq ix-xena tar-reat *o meno*. Dan stante il-fatt illi jekk il-Magistrat kienet obbligata li taccedi fuq il-post u ma marritx, il-*proces-verbal* xorta wahda jibqa' ammissibbli. Din il-Qorti tghaddi sabiex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Tiberiu-Mihail Miculescu**[24] fejn il-Qorti kienet ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mifsud**[25] u qalet hekk:

> *'Din il-Qorti tqis li kif tajjeb issottometta l-appellant kellu jkun il-Magistrat Inkwirenti li jaghmel access u mhux jiddelega lill-Ispettur sabiex tkun hi li taghmel access. Nonostante dan in-nuqqas, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li kwalsiasi rizultanzi li setghu inhargu in segwitu ghall-premess ghandhom jigu dikjarati inammissibbli. Fil-ligi ta' Malta ma ghandhiex il-principju tal-'fruit of the forbidden tree' u ghalhekk anke jekk kellu jkun il-Magistrat li jaccedi fuq il-post u mhux jiddelega dan lill-Ispettur, dan ma jfissirx li r-rizultanzi tal-inkjesta huma inammissibli.*

[24] Deciza minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar id-29 ta' Settembru, 2009.
[25] *Decided by the Court of Criminal Appeal (Inferior Jurisdiction) on the 23rd September, 2021.*

*Kif meqjus fid-digriet fl-ismijiet* ***<u>'DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO'</u>***[26] *dwar fatti u kwistjonijiet kompletament differenti minn dawn odjerni:*

*Skond il-fehma tal-konvenut, ir-registrazzjonijiet telefonici ittiehdu b'manjiera illecita u minghajr il-kunsens tieghu u, allura, l-istess ma jistghu qatt jitressqu bhala evidenza ideonea fi procediment gudizzjarju. B'dan l-argument il-konvenut donnu qed jittenta jdahhal fil-vicenda de quo dak il-principju maghruf bhala* ***<u>"fruits of the poisoned tree"</u>***. ***Dan hu precett predominanti hafna fis-sistema legali Amerikana fejn il-logika ta' warajh trid illi jekk is-sors innifsu ta' l-akkwist ta' l-evidenza huwa illecitu, allura kull haga li tiddixxendi minn tali sors huwa wkoll illegali (fi kliem iehor, l-effett negattiv ad inceptio jirriverbera ex posterior fuq kollox li johrog jew jemana minnu).*** *Madanakollu, jigi sottolinejat, illi* ***<u>tali principju ma jezistix fl-ordinament guridiku Malti</u>***. *Mhux konsentit li jidahhlu principji ritwali godda jew novelli li l-legislatur Malti ma ddisponiex espressament dwarhom jew provda ghalihom, li huma aljeni ghas-sistema guridika nostrana. Dan huwa hekk l'ghaliex dak li trid il-ligi, tghidu espressament abbazi tal-massima "ubi lex voluit, lex dixit".*[27] *Il-ligi procedurali domestika, fis-skiet tal-ligi, ddur ghall-ispirazzjoni ghall-principji u dawk in-normi li jsawwru r-regoli procedurali Inglizi.*[28] *Ghalhekk, wiehed idur biex jara*

---

[26] *Moghti mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-3 ta' Frar, 2020 (Avviz tat-Talba numru: 80/2019).*

[27] *32 Referenza ghall-massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman huma pertinenti ghax kif maghdud fid-decizjoni in re* ***<u>Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri</u>*** *(Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni No 122 riportata f'Kollez. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, inter alia,* ***<u>Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et</u>*** *(Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008);* ***<u>John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et</u>*** *(Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009);* ***<u>Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana</u>*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014);* ***<u>Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et</u>*** *(Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u* ***<u>Sebastian Vella et v. Charles Curmi</u>*** *(Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014). (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fid-digriet citat.)*

[28] *It-Tribunal josserva li r-rit procedurali civili taghna jsib il-fons tieghu fid-dritt Ingliz. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq*

*kif tali materja giet kunsidrata fis-sistema Ingliza u s-segwenti huma ftit kaptazzjonijiet ghar-rigward. Insibu ritenut illi, "The law in this area is complex and still developing. Statute occasionally provides rules governing the admissibility of evidence obtained by particular methods. Where the statute is silent, or there is no relevant legislation, the general rule at common law applies.* ***This rule states that the admissibility of evidence is not affected by the means used to obtain it.*** *The use of illegal or unfair techniques to obtain evidence does not generally make otherwise relevant and admissible evidence inadmissible" (IAN DENNIS, "The Law of Evidence", Sweet & Maxwell 2010; 4th ed., §8.2, p. 301). L-istess awtur ikompli jghallem illi, "The general rule at common law was and remains clear and unambiguous. The means by which evidence is obtained does not affect its admissibility as a matter of law.* ***Provided the evidence is relevant it is admissible in law, and it is not rendered inadmissible because illegality or unfairness is used to obtain it****. A classic statement of the attitude of nineteenth-century judges was the terse observation of Crompton J. in Leatham [(1861) 8 Cox C.C. 498 at 501]: «It matters not how you get it; if you steal it even, it would*

---

*in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament domestiku fi zmien id-dominju Ingliz f'Malta. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista Malti PAOLO DE BONO (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile." (p.320) u noltre illi, "Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'footnote ghal din l-ahhar citazzjoni, jghid, inter alia, hekk: «Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso.» (pp.322–323). Bhala ezempju tangibbli ta' dak illi qed jigi maghdud, wiehed jirreferi ghas-sentenza in re* ***Lawrence sive Lorry Sant v. In-Nutar Guze' Abela*** *(Prim'Awla, 27 ta' April, 1993) fejn naraw illi din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-law of evidence relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur Peter Murphy ("Modern Law of Evidence", 2nd edition) u l-opra intitolata "Cross on Evidence" (2nd Australian edition). Addizzjonalment, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-proceduri in re* ***Michael Agus v. Rita Caruana*** *(Prim'Awla, 10 ta' Marzu, 2011; digriet kamerali) ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata ma' produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha. Inoltre, fid-decizjoni in re* ***Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Ltd*** *(Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019) naraw kif l- Qorti ghamlet espressament referenza ghal-Ligi anglosassona [vide pagna 13 ta' dik is-sentenza]. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fid-digriet citat.)*

*be admissible in evidence». The inspiration for this common law position came largely from civil cases, where the court has traditionally conceived its function as that of doing justice between the parties according to the evidence the parties choose to present. From this standpoint it is immaterial how the parties come by their evidence." (ibid. §8.3, p. 302). Utili hafna dak misjub fil-ktieb ta' J. D. HEYDON intitolat "Cross on Evidence" (Butterworths 2010, 8th ed., §27230, p. 988) fejn insibu asserit li, "Lord Goddard rejected the submission that evidence obtained illegallly was for that reason inadmissible (Kuruma v R [1955] AC 197): ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is where it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible, and the court is not concerned with how the evidence was obtained ...".*

*Din il-posizzjoni tidher abraccjata fis-sistema domestika. Il-qrati taghna kellhom okkazzjoni jitrattaw u jindirizzaw aspetti analogi ghat-tematika odjerna u f'dan ir- rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghassenjalazzjonijiet rilevanti maghmula fid- decizjoni in re **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja** (Qorti ta' Appell Kriminali, 3 ta' Mejju, 2000)[29]:*

*« Issa, apparti li ma hemmx prova – jew, jekk hemm, din ma ingabitx a konjizzjoni ta' din il-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali – **li r-registrazzjoni saret bi ksur ta' xi ligi, anke li kieku kien hekk (jigifieri li r-registrazzjoni saret bi ksur tal-ligi) dan ma jfissirx li dik ir-registrazzjoni ma hix ammissibbli bhala prova. Il-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna kienet dejjem li prova hi ammissibbli minkejja li biex wiehed jikseb dik il-prova tkun***

*[29] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' deciza fit-3 ta' Mejju, 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Att ta' Akkuza numru: 20/97) il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal dak li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata datata l-14 ta' Dicember 1998 kienet ikkunsidrat dwar l-eccezzjonijiet imressqa. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li r-referenza maghmulha f'dan iddigriet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja' jirreferi ghal dak imnizzel fis-sentenza tat-3 ta' Mejju 2000 fejn f'dik il-parti kienet qieghda tikwota ssentenza tal-14 ta' Dicembru 1998.*

***inksiret xi ligi ohra, u dan konformement mar-regola tal-"common law" Ingliza in materja*** *(ara f'dan is-sens* ***Il-Pulizija v. Grezzju Spiteri****, App. Krim. 8/3/84; ara wkoll* ***P. v. Josephine Bonello****, App. Krim. 16/10/42 u* ***s-sentenzi citati f'Harding's Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 198****). Din il-Qorti taghmel referenza in partikolari ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliza tal-15 ta' Marzu, 1968 fejn gie ritenut illi "recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence" (****R. v. Senat*** *and Sin, 52 Crim. App. R. 282). Minkejja li fl-Ingilterra il-'Police and Criminal Evidence Act, 1984' tat espressament il-qrati diskrezzjoni li jistghu, f'certi kazi, jeskludu provi "obtained improperly or by trick" (ara l-Artikolu 78 ta' dik il-ligi), ir-regola generali ghadha li "evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of law" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1689, para. F.2.6). Fi kliem Lord Chief Justice Goddard fil-kaz Kuruma, son of Kaniu v. The Queen (1955) AC 197: "... ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible, and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case, there are decisions which support it, and in their Lordships' opinion it is plainly right in principle." (p. 203).*

*« Din il-Qorti tara li ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta' prova miksuba illegalment, din hi wkoll il-posizzjoni taht il-ligi taghna. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena****: "fis-sistema taghna dik li hija komunement imsejjha bhala l- 'Exclusionary Rule' fl-Amerika, ghad m'hijiex radikata u r-regola generali fis- sistema taghna hija* ***li provi illi jkunu gew ottenuti b'mod censurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli.****"*

*« Jizdied jinghad li fl-Ingilterra, minkejja l-Att tal-1984 aktar 'il fuq imsemmi, il- House of Lords fil-kaz* ***R. v. Khan*** *(Sultan) (1996) 3 WLR 162, "upheld the decision of the Court of Appeal that evidence obtained by a bugging device, attached by the police to a private house without the knowledge of the owner or occipiers, as admissible and should not have been excluded under section 78 … … The crime being investigated was one of great gravity; in the circumstances the invasion of privacy, with attendant trespass and damage, was outweighed by the lack of pressure or oppression by the police, the absence of incitement, the fact that the defendant had not been arrested and the existence of a tape recording of the conversations" (ara Archbold, 1997, para. 15–503).*

*« Din il-Qorti tirribadixxi illi f'dan il-kamp, il-ligi taghna ma tistax tigi ekwiparata ma' ligijiet ohra fejn il-principju huwa divers u fejn il-gurisprudenza segwiet linji kompletament opposti ghal dawk nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejjha 'exclusionary rule' li tezisti f'certi gurisdizzjonijiet hija aljena ghas-sistema taghna … … Similment, l-appellant qieghed jissottometti illi "l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bhala istituzjoni legali, li f'dan il-process legali, tikser il-ligi u tkun kompartecipi f'dan il-ksur tal-ligi, jew li tissana ksur ta' ligi." Apparti milli, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qieghed jaghmilha minghajr ma almenu ressaq hjiel ta' prova jew indikazzjoni ta' prova illi dak li sar, sar illegalment da parti tal-awtorità tal-pulizija, jigi osservat illi l-bazi tal-eskluzjoni mis-sisema taghna tal-'excluionary rule' huwa proprju r-rifjut tas-sistema taghna illi jallaccja l-valur probatorju u l-ammissibilità ta' prova mal-mod kif tkun giet ottenuta hlief ghal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkuzat li huma regolati specifikatament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha in re Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena deciza fid-19 ta' Jannar, 1996. »*

*In kongunta ma' dak appena osservat, fid-decizjoni in re* ***Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah***[30] *inghad illi,*

*"Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue"* ***– hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli."*** ***Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l- evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta.'***

Illi l-Qrati taghna ma jaderixxux ruhhom mad-duttrina tal- *fruits of a poisoned tree* li jipprovdi li jekk xi evidenza tkun akkwistata b'mod illecitu, allura kull haga li jemani minnha huwa llegali. Ghalhekk huwa rrilevanti jekk il-Magistrat Inkwerenti fallitx milli taccedi fuq ix-xena tar-reat meta kienet obbligata taghmel dan o meno ghaliex il-*proces-verbal*, kienet x'kienet ic-cirkostanza xorta wahda ghandu jigi kkunsidrat bhala evidenza ammissibbli. Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tichad ukoll ir-raba' eccezzjoni tal-akkuzat.

**In vista, tas-suespost din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha hekk kif imressqa mill-akkuzat Michele Artale fl-intier taghhom.**

[30] *Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April 2001*

Il-kawza qed tigi differita *sine die* sakemm jigi deciz xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn sabiex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-gurati.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**